MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Numru. 440/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Daniel Abela**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Daniel Abela ta’ 20 sena iben Angelo u Carmen nee’ Borg, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Marzu 1988 u residenti 37, tan-Nagli, Triq il-Kuncizzjoni, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 171188(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Marzu, 2008 ghall-habta ta’ 16.30hrs fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuni ta' Jeffrey Schembri skond kif iccertifikat Dr. Juanita Agius mill-isptar Mater Dei u Michael Abela skond kif iccertifika Dr. Philip Amato Gauci mill-isptar Mater Dei kif ukoll fuq il-persuna ta' Carmelo Zammit u dan bi ksur ta' Artikolu 226(a) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Saq il-vettura EAJ 717 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

3. Saq il-vettura EAJ 717 minghajr ma' kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

F'kas ta' htija, il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Mejju, 2008 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2009 l-imputat iddikjara li ma' kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Marzu, 2008 ghall-habta tal-4.30pm fi Triq il-President Anton Buttigieg, iz-Zejtun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAB 313 misjuqa minn Carmelo Zammit u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAJ 717 misjuqa mill-imputat Daniel Abela. F'dan l-incident sofrew griehi ta' natura gravi kemm

Carmelo Zammit is-sewwieq tal-vettura LAB 313 kif ukoll Michael Abela u Jeffrey Schembri li kienu passiggiera fil-vettura misjuqa mill-imputat.

Ir-Reverendu Carmelo Zammit li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2009 u waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2010 qal li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni LAB 313 fi Triq Marsaxlokk u dahal fi Triq Anton Buttigieg sabiex imur fid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn. Huwa jghid li meta hareg ghal fuq Triq Anton Buttigieg din kienet vojta, fis-sens li ma' kienx hemm vetturi qed jipprocedu fit-triq u jghid li malli hareg fuq din it-triq sema' vettura gejja minn warajh b'velocita' kbira u qala' daqqa fuq wara tal-vettura tieghu fejn bid-daqqa l-vettura minnu misjuqa habtet ma' hajt li kien hemm man-naha tax-xellug tieghu, daret u regghat giet milquta fuq quddiem mill-vettura li kienet ghada kemm laqtitha ghaliex din il-vettura baqghet ghaddejja. Huwa jghid li kien hemm *break mark* ta' sebghin (70) pied warajha. Mix-xhieda ta' PS 1312 Adrian Sultana li xehed f'dawn il-proceduri kemm waqt l-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2009 kif ukoll waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2011 jirrizulta li fit-triq kien hemm *brake marks* ta' 21.4 metru. Huwa qal ukoll li meta kellem lil Carmelo Zammit l-ewwel darba dan qallu li kien hiereg minn Triq Marsaxlokk u kien ser jaqsam ghal faccata, u cioe' fejn fl-iskizz inserit a fol. 24 jidher li hemm *No Entry Sign,* izda jumejn wara l-istess Zammit mar u specifika li huwa kien ried idur lejn Wied il-Ghajn u li kien ghamel manuvra fejn hareg kompletament mit-triq minn fejn kien gej u mbaghad dar lejn Wied il-Ghajn. Is-Surgent qal ukoll li l-imputat qallu li kien qed jipprocedi fi Triq Anton Buttigieg sejjer fid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn meta hargitlu l-vettura misjuqa miinn Carmelo Zammit mis-*side road* man-naha tal-lemin tieghu u sehh l-impatt. Huwa qal li ma' kellux cans jaghfas il-brejk u li l-*brake marks* li kien hemm fit-triq ma' kienux tal-vettura tieghu. L-imputat ghazel li ma' jixhidx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-iskizz u tal-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti setghat tikkonstata li l-incident awtomobilistiku ll jifforma l-mertu ta' din il-kawza sehh unikament tort tar-Reverendu Carmelo Zammit. Jirrizulta car li huwa hareg minn *side road* ghal fuq triq principali u qasam l-istess triq minghajr ma' zamm *a proper lookout* ghall-vetturi li kienu qed jipprocedu f'din it-triq principali kif kien obligat li jaghmel. Kif ghadu kemm gie rilevat aktar il-fuq ir-Reverendu Zammit a tempo vegine qal li ried jaqsam Triq Anton Buttigieg u cioe' li huwa kien hareg minn Triq Marsaxlokk u qasam sabiex jidhol fit-triq ta' faccata izda wara jumejn huwa biddel il-verzjoni u qal li huwa kien hareg ghal fuq Triq Anton Buttigieg sabiex idur lejn Wied il-Ghajn. Il-Qorti jidrilha li fi kwlaunkwe kaz ghandu jitqies li huwa ma' zammx *a proper lookout* ghat-traffiku li kien qed jipprocedi fi Triq Anton Buttigieg qabel ma' ttenta johrog minn *side road* ghal fuq l-istess triq. Il-Qorti jidrilha li l-provi (ara xhieda ta' Jeffrey Schembri a fol. 79 u 80 tal-atti processwali), l-posizzjoni tal-vetturi fuq l-iskizz u l-hsarat fil-vettura ta' Zammit kollha jindikaw li huwa fil-fatt qasam Triq Anton Buttigieg sabiex jidhol fit-triq ta' faccata fejn hemm in *No Entry Sign* izda kif ghadu kemm appena intqal, anki li kieku wiehed kellu jaccetta t-tieni verzjoni tal-fatti moghtija minn Zammit, xorta wahda ghandu jigi konkluz li l-istess Zammit hareg minn *side road* ghal fuq il-*main road* minghajr ma' zamm *a proper lookout*.

Mil-iskizz imhejji minn PS 1312 jirrizulta li kien hemm *brake marks* ta' 21.4 metres fi Triq Anton Buttigieg. Ghalkemm ma' ngabitx il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li dawn il-*brake marks* saru mill-vettura misjuqa mill-imputat, l-Qorti xorta wahda jidrilha li anki li kieku kellu jitqies li dawn il-*brake marks* saru mill-imputat huwa xorta wahda ma' jistghax jitqies li kien *overspeeding*. Dan jinghad ghaliex skond il-*Highway Code,* 21.4 *metre brake marks* jindikaw velocita' ta' madwar 45 kilometru fis-siegha meta wiehed jikkunsidra il-*braking* u t-*thinking distance* liema velocita' ma' teccedix il-limitu tal-velocita' permess ghal *built up area* bhal ma' hija t-triq fejn sehh l-incident in dizamina. L-imputat sejjer

ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Permezz tat-tielet (3) imputazzjoni l-imputat gie akkuzat li saq vettura fit-triq minghajr ma' kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi. Din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li mix-xhieda ta' Stephen Cachia[1], r-rapprezentant tal-Ufficju tal-Licenzji u Testijiet fi hdan l-Awtorita' Dwar it-Trasport jirrizulta li fid-data tal-incident il-vettura EAJ 717 kienet registrata f'isem Carmela Abela u mix-xhieda ta' Anthony Savona[2], r-rapprezentant ta' Fogg Insurance, u mid-dokument minnu esebit a fol. 48 tal-atti processwali, jirrizulta li fid-data tal-incident kien hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq l-imsemmija vettura li kienet tkopri biss sewwieqa li kellhom aktar minn hamsa u ghoxrin sena u mill-estratt tal-att ta' twelid tal-imputat irrizulta li fid-data tal-incident huwa kellu biss ghoxrin sena u ghalhekk ma' kienx kopert bl-imsemmija polza ta' assikurazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet. Wara li rat l-Artikoli 3(1), (2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha' u ghoxrin centezmu (€2329.27) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 43 u 44 tal-atti processwali.
[2] Traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 46 u 47 tal-atti processwali.